**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**vs**

**Joseph Borg**

**Kumpilazzjoni Numru: 441/2014**

**Illum, 26 ta' Frar, 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi fil-konfront ta' Joseph Borg detentur tal-karta tal-identità numru 93966M u billi hu personalment u/jew fil-kapacità tieghu ta' impjegat jew ta' ufficjal principali jew rapprezentant tal-kumpanija *Borg Cini & Co. Ltd (C-42055)*, akkuzat:

1. Talli bejn il-perjodu ta' Novembru 2008 u Lulju 2013, f' dawn il-Gzejjer, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan ghad-detriment ta' Johann Mifsud minn Santa Venera, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizzi tieghu jew minhabba depozitu necessarju;

2. Talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza'  dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu

**(€2,329.37) ghad-detrimnet ta' Johann Mifsud minn Santa Venera.**

Illi l-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Rat l-atti u l-provi kollha inkluz is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata hdax (11) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) li biha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom qed jitlob li tinstab htija kontra l-akkuzati li huma:-

a) Fl-artikoli 293, 294, 310 (1)(a) u 310A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hekk kif kien fis-sehh qabel l-emendi li dahlu permezz tal-Att XXIV tal-2014;

b) Fl-artikoli 308, 310 (1)(a) u 310A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hekk kif kien fis-sehh qabel l-emendi li dahlu permezz tal-Att XXIV tal-2014;
c) Fl-artikoli 7, 8, 11, 14, 16, 17, 19 u 27 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385 u 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Rat illi wara li nqraw l-Artikoli tal-Ligi l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni li dawn il-proceduri jitkomplew b'mod sommarju;

<u>IKKUNSIDRAT</u>

Illi semghet ix-xhieda <u>tal-Ispettur Yvonne Farrugia</u> li pprezentat kwotazzjoni, pjanta, ftehim, kopji ta' rcevuti, ir-rifjut tal-parir legali u stqarrija. Tixhed li fis-sena 2014 il-Pulizija ta' kontra l-frodi kienet qieghda tinvestiga kaz u dan wara kwerela li giet mibghuta mill-avukat Dr Katia Mercieca f'isem il-parte civile Johann Mifsud. Fil-kwerela l-parte civile talab lill-Pulizija sabiex

tinvestiga allegat kaz ta' mizappoprjazzjoni ta' fondi li gie kommess mill-imputat in rapprezentanza tas-socjetà *Borg Cini & Company Ltd*.

Tkompli tghid li l-parte civile gie mitkellem minnha stess u li l-istess parte civile kien allega li fit-tlettax (13) ta' Novembru tas-sena 2008 hu kien mar gewwa showroom ta' *Elegance By Design* stante li ried jixtri ghamara ghall-kcina. Tghid li l-imputat kien hejja kwotazzjoni ghall-parte civile li kienet tammonta ghal sitt elef hames mija u tletin ewro u tnax-il centezmu (€6,530.12). Tghid li gie allegat mill-parte civile li sar eventwali ftehim bejnu u bejn l-imputat Joseph Borg f'isem is-socjetà *Borg Cini & Company Ltd*. Tali ftehim kien jindika l-prezz ta' dak maqbul kif ukoll id-data tal-konsenja tal-ghamara tal-kcina u cioè Novembru tas-sena 2009. Izzid tghid li l-parte civile wettaq depozitu ta' hames mija u tletin ewro (€530) dakinhar tal-ftehim. Tispjega li l-parte civile kien talab lill-imputat sabiex ihallas il-bqija tal-prezz tramite pagamenti mensili ta' mija u sebgha u sittin ewro (€167).

Tixhed li l-parte civile kien mar jitkellem mal-imputat f'April tas-sena 2009 stante li l-konsenja tal-ghamara ma waslitx. Fil-fatt il-

parte civile kien baqa' jigri wara l-imputat sas-sena 2014 u cioè meta l-istess parte civile tkellem mal-Pulizija. L-allegat vittma Johann Mifsud kien ipprovda numru ta' dokumenti fosthom ircevuti tal-pagamenti u l-ircevuti tal-*VAT* fuq l-istess pagamenti. Tkompli tixhed li qabel ma kellmet lill-imputat, kienet ivverifikat li l-kumpanija *Borg Cini & Company Ltd* kienet registrata mal-*MFSA*. Irrizultalha mill-istess ricerka li r-rapprezentant legali tal-kumpanija hi certu Frances Cini.

Tixhed li l-imputat gie mitkellem fil-hdax (11) ta' Marzu tas-sena 2014 u li kien inghata twissija skont il-ligi ta' dak iz-zmien. Tispjega li l-imputat irrinunzja ghad-dritt tal-avukat qabel ma gie mitkellem. Fl-istqarrija tieghu l-imputat ikkonferma li hu kien jahdem mas-socjetà *Borg Cini & Company Ltd* bhala general manager u dan bejn is-sena 2008 u 2010. Jghid li tali kumpanija kienet waqfet topera f'dik is-sena stante li l-kumpanija barranija kienet waqfet milli tissupplixxi l-ghamara lis-socjetà Maltija. Tghid li l-imputat ikkonferma li hu kien innegozja mal-parte civile sabiex ibieghlu l-ghamara ta' kcina. Tghid ukoll li l-imputat ikkonferma li rcieva somma li tammonta ghal tlett elef, mitejn u ghoxrin ewro (€3,220) liema ammont jirrapprezenta hlas ghall-kcina ordnata

sal-gurnata li suppost l-ghamara ta' tali kcina kellhom jaslu. Tghid ukoll li hu kkonferma li tali flejjes ma gewx trasferiti lill-kumpanija barranija li tikkonsenja l-ghamara izda gew depozitati fil-kont tas-socjetà *Borg Cini & Company Ltd* fejn gew imhallsa ghamara ta' klijenti ohra li kienu pendenti.

Tixhed ukoll li bejn is-sena 2014 u 2019 (u cioè waqt l-andament ta' dawn il-proceduri) giet infurmata mill-parte civile li l-imputat kien ghadda l-flejjes kollha dovuti lura lill-istess parte civile. Izzid tghid li hi ma komplietx tindaga jekk kienx minnu li l-imputat allegatament ghadda l-flejjes tal-parte civile lill-kumpanija Taljana li kienet tissupplixxi lill-kumpanija *Borg Cini & Company Ltd*.

Illi semghet lil <u>Johann Mifsud</u> li pprezenta kuntratt immarkat bhala Dok. JM1 u rcevuti mmarkati bhala Dok. JM2. Jghid li hu kien mar gewwa showroom ta' *Elegance by Design* u ltaqa' mal-imputat sabiex jordna kcina. Jghid li fil-fatt hallas depozitu fuq kcina li xtaq u dan wara li nnegozja mal-imputat. Jghid li wara li sar l-iffirmar tal-kuntratt mal-imputat hu beda jhallas l-ammont ta' mija u sebgha u sittin ewro (€167) fix-xahar lill-imputat. Jispjega li dan kollu gara f'Novembru tas-sena 2008 u ghalhekk il-konsenja

kellha tasal f'Novembru tas-sena 2009 biss però dan gie estiz ghal erba' (4) xhur stante li kien ghadu ma lestiex il-post tieghu.

Jixhed li kull darba li kien imur ihallas dawn il-pagamenti, dejjem kien jiltaqa' mal-imputat. Jghid ukoll li kien hemm darbtejn li l-imputat avzah li waslet il-kcina izda id-darbtejn li huma tali wasla harget fin-negattiv. Jikkonferma li d-dokument esebit a fol. 49 tal-atti processwali hija l-kwotazzjoni li l-imputat ghadda lilu. Izid jghid ukoll li fis-sena 2016 l-imputat hallas lura l-flus li kien gie mghoddi mill-istess Johann Mifsud. Tali hlas kien jammonta ghal tlett elef mitejn u ghoxrin ewro (€3,220).

Izid jghid li meta ffirma l-kuntratt sabiex jakkwista l-kcina hu kien jaf li tezisti klawsola li tindika li d-data tal-wasla tal-prodott mhux necessarjament tkun ezatt izda tali data taf tkun wahda futura.

Illi semghet ix-xhieda ta' **Joseph Saliba** inrapprezentanza tal *JobsPlus* li pprezenta employment history tal-imputat immarkata bhala Dok. JS1.

Illi xehed il-**PL Quentin Tanti** inrapprezentanzz tar-Registratur tal-Kumpaniji li pprezenta estratt ta' dokumenti registrati tas-socjetà *Borg Cini & Co Ltd* bin-numru ta' registrazzjoni C-42055. Tali estratt gie mmarkat bhala Dok. QT1. Jghid li ma jkunx jaf ezatt jekk tali kumpanija ghadhiex topera u li l-ahhar dokumenti li rcieva r-Registratur kienu l-annual returns ta' Marzu tas-sena 2009.

Illi xehed **PC724 Marco Pisani** li jghid li fis-sena 2014 hu kien stazzjonat fl-*Economic Crime Unit*. Jghid li hu kien prezenti fl-ufficju tal-Ispettur Yvonne Farrugia fejn l-imputat kien gie moghti d-drittijiet tieghu. Izid jghid li hu jaghraf id-dokument immarkat bhala Dok. YF4 bhala r-rifjut tal-assistenza legali. Jghid ukoll li qieghed jaghraf il-firma tal-Ispettur Yvonne Farrugia, tax-xhud Brian Camilleri kif ukoll tieghu. Jixhed ukoll li kien prezenti ghat-tehid tal-istqarrija tal-imputat, liema stqarrija tinsab immarkata bhala Dok. YF5 fl-atti processwali. Jixhed li hu ma kienx indaga f'investigazzjonijiet ulterjuri.

Illi xehdet **Christine Saliba** li tghid li kienet f'relazzjoni mal-parte civile Johann Mifsud. Tghid li kienu ddecidew flimkien liema kcina riedu jixtru izda xejn ma kien gie konkluz. Tghid li tlett (3) ijiem

wara li raw il-kcina li riedu intemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom. Tikkonferma li l-kcina li kienu raw tinsab a fol. 49 u 50 tal-atti processwali. Tghid li hi ma tiftakarx ma' min kienu tkellmu dakinhar li ghazlu l-kcina li riedu. Tghid li sentejn (2) wara li gara dan kollu indunat li s-showroom li kienet attendiet mal-parte civile kienet inghalqet. Tghid li ma tafx b'ebda ftehim li sar wara li marret mal-parte civile biex taghzel kcina.

Illi regghet semghet ix-xhieda tal-**Ispettur Yvonne Farrugia** li pprezentat kwerela li rceviet fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena 2013 immarkata bhala Dok. YF6.

Illi xehdet l-**Ispettur Anne Marie Xuereb** li pprezentat *European Investigation Order* immarkata bhala Dok. AMX1.

Illi xehdet **Imelda Fede** li giet mahtura fl-erbatax (14) ta' Settembru tas-sena 2020 sabiex tittraduci l-*European Investigation Order* immarkata bhala Dok. AMX1 mil-lingwa Maltija ghal dik Taljana. Tali traduzzjoni giet ipprezentata u mmarkata bhala Dok. IF1.

Illi regghet semghet ix-xhieda ta' **Johann Mifsud** li kkonferma li a rigward dak esebit a fol. sitta u sebghin (76) tal-atti processwali, hu thallas in full. Jghid li hu thallas permezz ta' trasferiment ta' pagament bejn l-avukat tal-imputat u l-avukat tieghu. Jghid li hu jemmen li l-pagament gie originarjament mill-imputat. Jghid li tali hlas sehh waqt l-andament ta' dawn il-proceduri odjerni. Jghid li safejn jaf hu, in-negozju tal-imputat kien falla u ghalhekk l-ghamara tal-kcina li ordna qatt ma rcevihom.

Illi xehdet l-**Avukat Dr Katia Mercieca** li kkonfermat bil-gurament il-kwerela maghmula minnha a fol. 130 tal-atti processwali.

Illi semghet ukoll ix-xhieda tal-akkuzat **Joseph Borg** li jghid li hu kien impjegat mal-kumpanija *Borg Cini & Company Ltd* li kienet titmexxa minn *Elegance by Design*. Jixhed li l-irwol tieghu kien li jiehu hsieb is-sezzjoni tas-sales. Jispjega li hu kien jircievi l-flus, stante li kien ikun fil-hanut jiltaqa' mal-klijenti, u kien jiddepozitahom fil-kont tal-kumpanija. Ikompli jghid li ma' kull pagament li kien jidhol kien johrog ircevuta tal-VAT. Jixhed li fuq il-kaz odjern kien ordna l-kcina ghall-parte civile tramite kumpanija estera bl-isem ta' *Marino Marini Arredamenti*. Jghid

ukoll li l-ordni tal-parte civile kien wiehed minn diversi li ma gewx ikkonsenjati.

Ikompli jixhed li bhala prassi hu kien ilesti l-ordnijiet bil-pjanti u dan kien jintbaghat lejn il-kumpanija Taljana tramite fax. Jghid li kwalunkwe korrispondenza li kienet tigi kienet tintbaghat lis-sid tas-socjetà *Borg Cini & Company Ltd.* Jikkonferma li s-sid ta' din il-kumpanija hija certa Frances Cini. Jghid ukoll li l-modus operandi tal-kumpanija a rigward pagamenti kien jopera tali mod li hu kien jghaddi l-kont lis-sid Frances Cini u hi tipprosegwi biex titrasferixxi l-ammont mill-kont tal-kumpanija lill-kumpanija Taljana. Jikkonferma li l-parte civile Johann Mifsud kien ihallas id-depozitu tramite pagamenti mensili. Jikkonferma ukoll li l-kcina ordnata mill-parte civile ma waslitx. Jixhed ukoll li kull darba li kien jibghat sabiex isaqsi dwar kwalunkwe aggornament fuq il-kcina ordnata kien dejjem jircievi lura mill-kumpanija Taljana li qeghdin out of stock.

Jixhed li a kuntrarju ta' dak li tenniet il-kumpanija *Marino Marini Arredamenti*, hu flimkien mas-sid ta' *Borg Cini & Company Ltd* Frances Cini kienu telghu l-Italja sabiex jiltaqghu ma'

rapprezentanti tal-kumpanija *Marino Marini Arredamenti*. Jikkonferma li Frances Cini mietet f'April tas-sena 2020. Jghid li hu kien f'relazzjoni maghha fiz-zmien li giet iffurmata l-kumpanija. Jixhed ukoll li f'mument minnhom il-kumpanija *Borg Cini & Company Ltd* bdiet thallas lill-kredituri taghha li hallew depoziti maghha. Ikompli jghid li waqt dan kollu gie avvicinat mill-parte civile li nfurmah li kien ghadu ma thallasx. Jikkonferma li kien talab lil Frances Cini sabiex tghaddi l-flus dovuti lill-avukat tieghu sabiex tghaddihom lill-avukat tal-parte civile.

Jispjega li meta mar il-parte civile jiltaqa' mieghu, id-depozitu ma thallasx kollu izda sar tramite pagamenti zghar. Ikompli jixhed li l-ordni tal-kcina sar hekk kif thallas l-ahhar pagament tad-depozitu. Jixhed ukoll li l-problemi mal-kumpanija *Marino Marini Arredamenti* bdew madwar is-sena 2007 u 2008. Jghid ukoll li ma kienx informa lill-parte civile b'dawn il-problemi fil-konsenji. Jikkonferma li hu ma kellux access biex jittrasferixxi l-flus tal-kumpanija izda seta' jiddepozita. Jikkonferma wkoll li l-parte civile dejjem kien ihallsu tramite flus kontanti.

Illi xehdet l-<u>**Avukat Dr Sarah Rausi**</u> inrapprezentanza tal-*Bank of Valletta* li pprezentat statements ta' bejn is-sena 2007 u 2009 li jappartjenu lis-socjetà *Borg Cini & Co Ltd.* Tali statements gew immmarkati bhala Dok. SR1.

<u>IKKUNSIDRAT</u>

Illi r-reat principali li bih huwa addebitat l-akkuzat huwa r-reat ta' frodi kkontemplat bl-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> *"Kull min, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq, ingann, jew billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qligh bi hsara ta' haddiehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn."*

Illi l-gurisprudenza marbuta mar-reat tal-frodi huma llum il-gurnata ben stabbiliti fil-kamp kriminali nostran.

Issa huwa stabbilit illi l-agent fi proceduri ta' frodi ghandu juza dak l-apparat estern li titkellem dwaru l-gurisprudenza sabiex isahhah il-fehma fil-menti tal-iffrodat li wasslu biex jaghtih fiducja u jikkoncedilu l-kreditu mitlub. Illi, dwar l-artifizzji ntqal fis-sentenza bl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Charles Zarb</u>** (App. Inferjuri – 1993) illi:

> ***"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."***

Illi, ukoll, ghar-reati ta' truffa hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, l-istess Qorti iccitat lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi –

*"...kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal- falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene.*

*....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal- frodatur li*

*jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.*

*Illi, għalhekk sabiex jissussisti r-reat tal-frodi hemm bzonn illi jezistu:*

"*I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente.*" (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)

Illi, ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Patrick Spiteri**, deciza fit-22 ta' Ottubru 2004 -

> *"L'agente … deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

Illi, in oltre', a rigward dak li jikkoncerna t-telf patrimonjali, f'sentenza moghtija mill-Cassazione Taljana (Sez.Un.16.12.1998), gie stabbilit illi -

> *"Il reato di truffa costitusice un delitto istantaneo e di danno che si perfeziona nel momento in cui alla realizazzione della condotta tipica dell'autore abbia fatto seguito la diminutio patrimonii del soggetto passivo: mentre dunque, il requisito dell'ingiusto profitto puo comprendere in se qualisiasi utilita' anche a carattere non strettamente economico, l'elemento del danno deve avere necessariamente contenuto patrimoniale e consistere in una lesione concreta tale da determinare la perdita effetiva del bene."*

Illi mill-provi prodotti hareg car illi l-vittma Johann Mifsud kien bniedem li ghamel l-ghalmu tieghu sabiex jitlob aggornamenti dwar il-wasla tal-kcina tieghu ghalhekk. Oltre` minn hekk mill-provi prodotti ma hareg xejn li ghandu jikkonvinci lil din il-Qorti li l-imputat ha vantagg mill-parte civile tant li spicca ngannah. Dan iktar u iktar stante l-fatt li hareg bic-car mill-provi li l-imputat kien verament jahdem bhala impjegat tas-socjetà *Borg Cini & Company Ltd*.

Illi ghalhekk din il-Qorti hija sodisfatta li l-akkuzat wera bic-car li hu kien qieghed jahdem minghajr ebda hsieb li jinganna. Dan ma jonqos xejn mill-fatt li l-istess akkuzat seta' jipprovdi aggornamenti iktar regolari lill-parte civile dwar l-ordni tal-kcina. Izda wara kollox gie muri bic-car li xoghol l-akkuzat kien jiddependi totalment minn kumpanija estera liema kumpanija falliet fl-operat taghha.

**IKKUNSIDRAT**

Illi t-tieni (2) akkuza u cioè dik tal-appropjazzjoni indebita sancita mill-Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta, li jghid hekk:

> *"Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar- radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:"*

Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghal decizjonijiet nostrani dwar dan ir-reat ta' mizappropjazzjoni senjatament il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. George Grech** deciza fit-22 ta' April 2009 li ghamlet referenza ghall-awtur Taljan Luigi Maino fejn dan spjega li:

> *"Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d' indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d' un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo .... Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l-animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto*

*delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell' inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l' esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l' operaio che avendo ricevuto materiale prima di lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materiale ricevuta; l' incaricato di esigere l' importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

Illi ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide Il-Pulizija v Joseph Mifsud deciza nhar it-2 ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali; Il-Pulizija v Joseph Richmond et deciza nhar l-14 ta' Jannar, 1993; Il-Pulizija v Capt. Albert Mallia deciza nhar il-25 ta' April, 1949 u Il-Pulizija v Emanuel Cassar deciza nhar l-20 ta' Ottubru, 1997).

Illi l-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat gew diskussi fil-kawza bl-ismijiet Il-Pulizija vs Joanne Sciberras deciza nhar l-10 ta' Jannar tas-sena 2018 li giet ikkwotata s-sentenza bl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Abela deciza nhar is-6 ta' Lulju tas-sena 2016 fejn intqal illi:

> *"Għar-rigward tar-reat ta' miżappropṛjazzjoni referenza ssir għas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni, fejn il-Qorti elenkat l-elementi ta' dan ir-reat:*

*"Dana r-reat iseħħ meta wieħed (1) jirċievi flus jew xi ħaġa oħra mingħand xi ħadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi ħaġa lura jew li jagħmel użu minnhom b'mod speċifiku; (3) u minflok ma jagħmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddieħor."*

*...*

*Ir-reat ta' appropjrazzjoni indebita jiddistingwi ruhu mir-reat ta' serq ghax l-oggett li jkun jigi moghti lill-agent volontarjament u mhux jittiehed kontra l-volonta' jew minghajr il-kunsens tad-detentur; u jiddistingwi ruhu wkoll mit-truffa ghax id-detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta' raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-haga favur l-agent.*

*Antolisei jikkumenta illi:*

*"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell' abuso del possessore, il quale dispone*

*della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio".*

Illi f'sentenza oħra mill-Qorti tal-Appell Kriminali bl-ismijiet Il-Pulizija vs Marbeck Cremona deċiża nhar il-15 ta' Frar tas-sena 2007 ġie rilevat illi:

*"Skond ġurisprudenza kostanti u anke' skond awturi, ġeneralment huwa ritenut li l-estremi ta' dan ir-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li ġejjin:*

*1. Illi l-pussess tal-ħaġa jkun ġie trasferit lis-suġġett attiv tar-reat volontarjament mill- proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jiġi speċifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivoċita', li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil aġent jew lis-suġġett attiv tad-delitt, trid tkun magħmula* con l' animo di spostarsi del possesso, *għax altrimenti jiffugura mhux ir-reat tal-approprjazzjoni indebita, imma s-serq.*

*2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal- proprjeta' għaliex f' dan il-każ ma jiffugurax l- element tal-azzjoni indebita.*

*3. Illi l-oġġett irid ikun mobbli.*

*4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jagħmel tiegħu l-ħaġa cioe japproprja ruħu minnha, jew ibiegħha, jew jiddistruġġiha a proprio commodo o vantaggio;*

*5. Irid ikun hemm ukoll l-intenzjoni tas-suġġett attiv tar-reat li japproprja ruħu mill-oġġett li jkun jaf li huwa ta' ħaddieħor."*

Illi fir-rigward tal-element intenzjonali sabiex tinstab htija f'dan ir-reat l-awtur Taljan <u>Maino</u> jirrileva illi:

*"Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta' , a scopo d' indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta' della conversione con scienza della sua illegittimita' , e*

*dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d' un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. [...] Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' (come nel furto e nella truffa) l' animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell' inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l' esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l' operaio che avenda ricevuto materiale prima di lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materiale ricevuta; l' incaricato di esigere l' importo di*

*titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

Illi l-istess hsieb gie enuncjat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza bl-ismijiet <u>The Police vs Artur Arakelyan</u> deciza nhar is-17 ta' Lulju tas-sena 2013:

*"Consequently for the prosecution of the crime to be successful, the author of it must have the specific intention to make use of the object entrusted to him for a specific purpose, as if he were the owner and therefore make use thereof or disposing of the same, at a resultant profit for himself or for others."*

Illi ghalhekk jekk wiehed janalizza l-ligi u l-gurisprudenza hawn fuq citata, wiehed jinduna illi dan ir-reat huwa ferm distint mis-serq u mill-frodi u dan peress illi fil-miżappropjazzjoni r-reat isehh meta wiehed jirċievi flus jew xi haġa ohra minghand xi hadd,

bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haġa lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Illi ghalhekk kjarament ir-reat ta' mizappropjazzjoni ma japplikax ghall-kaz *de quo* u dan stante l-fatt li jidher bic-car mill-atti processwali li l-flejjes kienu jigu trasferiti lill-kumpanija *Marino Marini Arredamenti* u mhux ghal kwalunkwe gwadann personali li seta' jilhaq. Dan minkejja li x-xhieda moghtija minn Pina Marini u Gianna Salerno a fol. 285 et sequitur tal-atti processwali tindika li qatt ma kien hemm kuntatt bejn *Borg Cini & Company Ltd* u s-socjetà *Marino Marini Arredamenti*.

Illi fuq dan il-punt il-Qorti tosserva li d-ditta *Marino Marini Arredamenti* kienet titmexxa minn certu Marino Marini u dan kif hemm indikat a fol. 262 tal-atti processwali. Il-Qorti tosserva wkoll li x-xhieda Pina Marini u Gianna Salerno fil-fatt huma bint u mart Marino Marini rispettivament. Oltre` minn hekk tali individwu miet f'Lulju tas-sena 2015 u cioè seba' (7) snin qabel ma wiegbu ghad-domandi maghmulin fl-ittri rogatorji.

Illi l-Qorti hija tal-opinjoni li l-uniku xhud li kien joffri certezza kemm ghall-Prosekuzzjoni kif ukoll ghall-imputat kien biss id-decedut Marino Marini. Iregi allura li l-Qorti iktar tqis ix-xhieda moghtija mill-imputat bhala wahda kredibbli fis-sens li l-kumpanija *Borg Cini & Company Ltd* kienet tinnegozja mas-socjetà *Marino Marini Arredamenti*.

Illi l-Qorti taghmel referenza kemm ghad-dokument immarkat bhala Dok. JB1[1] kif ukoll ghal dak li ntqal fix-xhieda tal-parte civile datata erbgha (4) ta' Frar tas-sena 2019. Jidher bic-car illi kwalunkwe vertenza li seta' kien hemm bejn il-partijiet giet rizolta bejn differiment u iehor.

Illi ghalhekk il-Qorti tinnota li la l-parte civile ma hassx li safa' vittma tar-reat li qieghed jigi allegat allura jregi li l-imputat ma ghamilx qligh minn fuq l-istess parte civile.

Illi ghalhekk il-Qorti ser tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

[1] Fol 76

Illi jinghad illi ma ngabux provi bizzejjed mill-Prosekuzzjoni sabiex jinkulpaw lill-akkuzat b'dawn l-akkuzi u ghaldaqstant il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad rikjest skont il-ligi.

## Decide

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti qieghda tillibera lill-akkuzat **Joseph Borg** mill-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontrih stante nuqqas ta' provi.

\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**